**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 10 ta' Mejju, 2023**

Numru 1

**Rikors Nru. 688/2022**

**Fl-atti tac-Cedoli numri 1310/2009, 272/2012, 273/2012, 545/2012, 1287/2012**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Carmel Spiteri f'ismu personali kif ukoll bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Tal-General Co. Ltd (C-24528)**

**Il-Qorti,**

Rat id-digriet tat-2 ta' Awwissu 2022 fejn il-Qorti ordnat il-ftuh tal-konkors tal-kredituri fl-atti tac-cedoli numri 1310/2009, 272/2012, 273/2012, 545/2012, 1287/2012 kontra d-debitur Carmel Spiteri f'ismu personali u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Tal-General Co. Ltd., wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni u Koperattiva Tabelli u Sinjali Numru 42 opponew ghal zbank ta' flus tad-debitur depozitati fil-Qorti mitlub minhom, it-tnejn kredituri tad-debitur.

Rat li l-Qorti appuntat lil Dr Josette Grech biex tipprezenta rapport wara li l-partijiet interessati gew notifikati skont il-ligi.

Rat l-atti u r-rapport ta' Dr Josette Grech.

Rat li l-vertenza thalliet ghal provvediment in difett ta' ostakolu.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tibda billi taghmel riassunt ta' dak li wassal ghat-talbiet odjerna u ghal dan il-ghan qed tipproduci l-perkors ta' din il-vertenza kif riassunta abbilment mill-perit legali Dr Josette Grech.

**Kronologija**

Illi, permezz ta' digriet moghti fit-2 ta' Awwissu 2022, din l-Onorabbli Qorti ordnat il-ftuh tal-konkors tad-debituri (a fol 135 tal-process), liema digriet gie pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u f'zewg gazzetti lokali kif jirrizulta min-nota esebita mir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali fl-10 ta' Novembru 2022;

Illi dan id-digriet gie moghti in segwitu ghal rikors li kien sar mill-Kummissarju tat-Taxxi fit-8 ta' Frar 2022 (a fol 1 tal-process), li bih talab li jinbeda l-konkors tal-kredituri kif ikkontemplat fl-artikolu 416 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u talab li jigi awtorizzat jizbanka s-somma globali ta' disgha u sittin elf, mitejn u ghoxrin ewro u erbatax-il centezmu (€69,220.14) depozitat permezz tac-cedoli ta' depozitu numri 1310/2009, 272/2012, 273/2012, 545/2012, 1287/2012 u 2/2021;

Illi dan id-digriet gie moghti wkoll in segwitu ghal rikors li kien sar mill-Koperattiva Tabelli u Sinjali Numru 42 tas-27 ta' Lulju 2022 ( a fol 54 et seq tal-process) fl-atti tac-cedoli numri 1310/2009, 272/2012, 273/2012, 545/2012, u 1287/2012, li permezz tieghu l-istess Koperattiva talbet li jigi ordnat il-konkors tal-kredituri tas-socjeta intimata Tal-General Co. Ltd u dana peress li hemm aktar minn zewg konkorrenti ghad-depoziti li saru permezz tac-cedoli ta' depozitu numri 1310/2009, 272/2012, 273/2012, 545/2012, 1287/2012 u 2/2021;

Illi l-imsemmija cedoli ta' depozitu saru wara l-hrug ta' *inter alia* zewg mandati ta' sekwestru: mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 1439/09 akkordat fit-28 ta' Awwissu 2009 ( a fol 8 et seq tal-process) fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 3085/2009 mahrug fuq talba tal-Koperattiva u akkordat fit-12 ta' Ottubru 2009 (u li kopja tieghu giet esebita permezz ta' nota lil-perit legali irceviet kopja informali taghha fis-6 ta' Frar 2023 wara li l-istess Koperattiva kienet nghatat terminu sabiex tressaq il-provi kollha taghha);

Talba ghal ftuh tal-konkors tal-kredituri mressqa mill-Kummissarju tat-Taxxa saret limitatament ghac-cedoli ta' depozitu numri 1310/2009, 272/2012, 273/2012, 545/2012, u 1287/2012 (bl-eskluzjoni tac-cedola numru 2/2021 anke jekk fil-korp tar-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxa hemm imsemmija c-cedola in kwistjoni). Di fatti l-okkju tal-kawza jirrifletti li l-konkors qieghed miftuh limitatament in rigward tac-cedoli 1310/2009, 272/2012, 273/2012, 545/2012, u 1287/2012. Jigi rilevat ukoll fir-rigward

illi, meta l-Koperattiva ressqet ir-rikors taghha ghal ftuh tal-konkors, tali rikors sar fl-atti tac-cedoli 1310/2009, 272/2012, 273/2012, 545/2012, u 1287/2012 biss, anke jekk fil-korp tar-rikors hemm referenza ghac-cedola numru 2/2021;

Ma hemmx taghrif ghaliex il-Kummissarju tat-Taxxi kien iddecieda li jeskludi din ic-cedola ta' depozitu partikolari mill-okkju tal-kaz, u lanqas jirrizulta li kien hemm talba appozita matul il-konkors sabiex din ic-cedola ta' depozitu partikolari tigi nkluza ghal finijiet tal-konkorrenza. Mill-atti ma tirrizultax kopja ta' din ic-cedola u ghalhekk il-perit legali qieset li din ic-cedola ta' depozitu ma tifformax parti mill-konkors odjern;

Illi c-cedoli tad-depoziti li jirrizultaw fl-atti huma s-segwenti:
-Cedola ta' Depozitu 1310/2009 tal-HSBC Bank Malta plc fl-ammont ta' €1,004 (a fol 59 tal-process);
-Cedola ta' Depozitu 272/2012 tad-Direttur Generali Taqsima Xoghlijiet fl-ammont ta' €1,149.82 (a fol 71 tal-process);
-Cedola ta' Depozitu 273/12 tad-Direttur Generali Taqsima Xoghlijiet fl-ammont ta' €45,524.66 (a fol 83 tal-process);
-Cedola ta' Depozitu 545/12 tad-Direttur Generali Taqsima Xoghlijiet fl-ammont ta' €6,229.30 (a fol 96 tal-process);
-Cedola ta' Depozitu 1287/12 tad-Direttur Generali Taqsima Xoghlijiet fl-ammont ta' €13,256 (a fol 123 tal-process);

Fil-konkors ikkonkorrew is-segwenti:
i. Il-Kummissarju tat-Taxxi li fuq istanza tieghu gie miftuh il-konkors odjern (a fol 1 tal-process);
ii. Corallina Stone Malta Limited (a fol 40 tal-process);
iii. Joseph Caruana & Co Ltd (a fol 41 tal-process);
iv. Koperattiva Tabelli u Sinjali numru 42 li talbet ukoll il-ftuh tal-konkors (a fol 54 tal-process); u
v. Tlata Limited (a fol 136 tal-process);

**Riepologu tal-krediti**

**Kummissarju tat-Taxxi** – il-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi gie rez ezegwibbli permezz ta' ittra gudizzjarja numru 669/07 tas-26 ta' Frar 2007 (a fol 5 tal-process) li saret fit-termini tal-artikolu 66 tal-Att XXIII tal-1998 ghall-ammont ta' LM76,000 rapprezentanti taxxa fuq il-valur mizjud, u eventwalment ezegwit permezz ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1439/08 (a fol 8 tal-process) ghall-ammont ta' €178,307.19 konsistenti fi €177,032.38 sorte u l-bqija spejjez u drittijiet relatati mal-kanonizazzjoni u ezekuzzjoni tal-kreditu. Mir-rikors ghal ftuh tal-konkors, gie dikjarat illi l-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi huwa fl-ammont ta' €612,546.78. Il-perit legali innotat li ma giex prezentat prospett li jindika kif inhadmet din ic-cifra, u ghalhekk mhijiex f'posizzjoni li tesprimi ruhha dwaru. Fic-cirkostanzi l-perit legali qieset bhala ammissibli biss, l-ammont ta' sorte indikat ta' €177,032.38 indikat fil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1439/08;

**Corallina Stone Malta Limited** – skont in-nota esebita a fol 40 tal-process, jinghad li l-kreditu ta' Corallina Stone Malta Limited johrog minn mandat ta' sekwestru in-numru 1559/2011 fl-ismijiet Coralline Stone Malta Limited vs Tal-General Company Limited. Dan gie ripetut fin-nota li tressqet minn din is-socjeta kreditrici tas-6 ta' Ottubru 2022. Il-perit legali innotat li ma gietx prezentata kopja ta' dan il-mandat ta' sekwestru, u ghalhekk ma setax jigi stabilit il-kreditu pretiz minn din is-socjeta kreditrici. Il-perit legali ittentat tiehu konjizzjoni gudizzjarja ta' sentenzi li setghu inghataw favur Coralline Stone Malta Limited izda mis-sistema tal-Lecam ma rnexxiliex tintraccja ebda sentenza. Inoltre, il-perit legali ivverifikat mas-sit elettroniku tal-Malta Business Question minn fejn jirrizulta li din il-kumpanija Coralline Stone Malta Limited bin-numru tar-registrazzjoni C-28298 giet struck off as defunct fis-6 ta' Lulju 2020 (skont l-anness estratt mis-sit elettroniku stampat mill-perit legali nhar is-7 ta' Frar 2022) u ghalhekk l-i*striking off* sar precedentement ghall-prezentata tar-risposta prezentata minn din il-kumpanija fil-15 ta' Marzu 2022 (a fol 40 tal-process). Fic-cirkostanzi l-perit legali ma qisitx ammissibli il-pretensjoni ta' Coralline Stone Malta Limited.

**Joseph Caruana & Co Ltd** – il-kreditu ta' Joseph Caruana & Co Ltd johrog minn sentenza moghtija nhar id-9 ta' Jannar 2012 (Cit Nru 867/2011) fl-ismijiet Joseph Caruana & Co Limited vs Tal-General Co Ltd li permezz taghha s-socjeta kreditrici giet kanonizzata kreditrici tal-intimata Tal-General Co Ltd fl-ammont ta' €74,275.49 bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju 2011 kif spjegat fir-risposta prezentata mis-socjeta kreditrici fit-23 ta' Marzu 2022 a fol 41 tal-process. Permezz ta' nota esebita mis-socjeta kreditrici nhar is-6 ta' Frar 2023 (li kopja informali taghha giet mghoddija b'mod elettroniku lill-perit legali), jirrizulta li giet iskritta ipoteka generali gudizzjali bir-riferenza numru 10906/2022 fir-Registru Pubbliku (Dok JC1) fl-ammont imsemmi salv interessi spejjez u drittijiet legali. Ghalhekk il-perit legali qieset ammissibli l-ammont ta' €74,275.49 oltre imghaxijiet liema pero ma gewx kwantifikati;

**Koperattiva Tabelli u Sinjali numru 42** – skont ir-risposta mressqa mill-Koperattiva fis-27 ta' Lulju 2022 a fol 52 tal-process jinghad illi l-kreditu tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali numru 42 tirrizulta minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Avviz Nru 339/2009 fl-ismijiet Koperattiva Tabelli u Sinjali vs Tal-General Company Limited nhar it-2 ta' Frar 2011 fl-ammont kumplessiv ta' €9,376.50 u minn mandat ta' sekwestru li jgib in-numru 3085/09. Skont l-imsemmija risposta l-Koperattiva sostniet illi l-bilanc shih ta' €9,376.50 ghadu dovut. In sostenn tal-pretensjoni taghha, l-Koperattiva ressqet nota fis-6 ta' Frar 2023 li, permezz taghha, pprezentat kopja ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 3085/09 (Dok KT1) u kopja tas-sentenza moghtija fit-2 ta' Frar 2011 (Dok KTS2). Il-perit legali osservat li, fil-korp tal-istess sentenza, jirrizulta li kien gie verbalizzat hekk: "*Rat il-verbal tar-rapprezentanti tal-Koperattiva rikorrenti datat il-11 ta' Mejju tas-sena 2010 li permezz tieghu infurmat lill-Qorti li l-ammont meritu tal-procedura odjerna kien gie effettivament imhallas kif mitlub fir-rikors promutur*". Jidher ghalhekk li kien ghad fadal biss li jigi deciz il-kap tal-ispejjez u fil-fatt id-decide tal-imsemmija sentenza jirrelata biss dwar tali kap tal-

ispejjez. Ma giex kwantifikat l-ammont tal-ispejjez u lanqas jirrizulta jekk dawn thallsux. Ghar-ragunijiet fuq esposti, il-perit legali qieset li mhijiex ammissibli l-pretensjoni tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali numru 42.

**Tlata Ltd** – il-kreditu ta' Tlata Limited fl-ammont ta' €98,068.77 oltre spejjez u imghaxijiet legali mit-13 ta' Awwissu 2008 jirrizulta minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Cit Nru 451/2010 fl-ismijiet Tlata Ltd vs Tal-General Company Limited nhar l-20 ta' Marzu 2012 li kopja taghha tinstab esebita mar-rikors ta' Tlata Ltd prezentat fl-1 ta' Settembru 2022, li permezz tieghu talbet li tikkonkorri fuq id-depoziti li saru permezz tac-cedoli fuq imsemmija. Ghalhekk il-perit legali qieset ammissibli l-kreditu ta' Tlata Limited fl-ammont ta' €98,068.77 oltre spejjez u imghaxijiet liema pero ma gewx kwantifikati. Ma jirrizultax mill-atti li Tlata Ltd rregistrat ipoteka favur taghha.

**Riepologu tal-krediti ammessi mill-perit legali**
Ic-cifri li gew konsidrati ghal fini tal-gradwazzjoni:

| | |
|---|---|
| Kummissarju tat-Taxxi – VAT | €177,032.38 |
| Joseph Caruana & Co Ltd | €74,275.49 |
| Tlata Ltd | €98,068.77" |

Il-Qorti taqbel u taghmel taghha dak li iddeskriviet l-espert legali dwar il-krediti. Madankollu qabel it-trattazzjoni tal-partijiet fuq ir-rapport, giet prezentata nota tal-Kummissarju tat-Taxxa u l-VAT fejn spjega illi wara l-ittra ufficjali tal-2007, saret ittra ufficjali fl-20 ta' Mejju 2015 fejn il-kreditu sa dak iz-zmien zdied ghal €455,366. Il-partijiet ma ghamlu ebda oppozizzjoni ghat-talba u ghalhekk il-Qorti qed tikkoregi c-cifra tal-kreditu dovut lil Kummissarju tat-Taxxi minn €177,032.38 ghal €445,366.

**Dritt**

Illi skont l-artikolu 62 tal-Kapitolu 406 hemm stabbilit hekk: "*Il-Kummissarju jkollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kodici Civili*".

Huma ghalhekk tnejn l-istanzi fejn id-dritt ta' preferenza ma japplikax u dana in rigward ta' dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kodici Civili.

Il-krediti assigurati bi privilegg generali insibuhom taht l-intestatura "Fuq il-Privileggi Generali" fil-Kodici Civili. L-artikolu 2003, *inter alia*, jistabilixxi li wiehed mill-krediti privileggjati fuq il-beni kollha ta' kull xorta huma l-ispejjez gudizzjarji. Mhux kwalsiasi spiza gudizzjarja tikkwalifika bhala tali, izda biss dawk l-ispejjez gudizzjarji "…*li jsiru ghall-inventarju, jew ghal xi hag'ohra fl-interess tal-kredituri kollha, fosthom l-ispejjez mehtiega sabiex isir il-bejgh tal-beni u l-qsim tal-prezz taghhom*" (artikolu 2004(1)). L-ispejjez gudizzjarji minfuqa ghal fini tal-kanonizzazzjoni tal-krediti rispettivi tal-kredituri konkorrenti ma jikkwalifikax bhala kreditu assigurat bi privilegg generali. Huwa minnu li kien bis-sahha tal-procedura ghal kanonizazzjoni tal-kreditu, li l-Kummissarju inghatalu titolu ezekuttiv li bih seta' jmexxi 'l quddiem it-talba tieghu ghall-ezekuzzjoni tal-kreditu tieghu bil-hrug ta' mandat ta' sekwestru, imma l-ispejjez gudizzjarji f'kaz bhal dan ma jistghux jitqiesu li saru ghall-gid komuni tal-kredituri tad-debitu, imma ghall-vantagg tal-kreditur partikolari. Il-kreditu privileggjat mahsub taht l-artikolu 2004(1) irid ikun marbut ma' dak li jsir fl-interess komuni. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Crown Hotels Limited deciza fit-28 ta' Marzu 2014 (Appell Civili Nru 565/2010) dik il-Qorti qieset li l-otteniment da parti tal-kredituri ezekutant ta' titolu ezekuttiv u bejgh bl-irkant sar fl-interess tal-kredituri kollha, u l-konkorrenti approfittaw ruhhom mill-proceduri tal-konkors u xehtu l-pretensjoni taghhom ghall-hlas mir-rikavat tal-bejgh.

Jinstab iccarat imbaghad fl-artikolu 2004(2) tal-Kapitolu 16 li l-ispejjez li kreditur jaghmel ghall-kreditu tieghu nnifsu li mhuwiex ta' gid ghall-kredituri l-ohra, jitqiesu bhala accessorju tal-kreditu stess. L-artikolu 2095 ikompli jistabilixxi li fl-istess grad li fih ikun imqieghed kreditu, jitqieghdu *inter alia* l-ispejjez tal-iskrizzjoni u l-ispejjez maghmulin, meta hu mehtieg, biex il-kreditu jigi maghruf b'sentenza kemm-il darba dawn l-ispejjez tal-ahhar ma jkunux privileggati xort'ohra. Dwar dawn il-provvedimenti, din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Ottubru 2012 (Konkors 135-2011) irriteniet hekk: "*provvediment li prima facie jaghti lill-qorti x'tifhem li l-ispejjez jitqiesu fl-istess grad tal-kreditu. Pero galadarba l-Artikolu 2095 tal-Kodici Civili jipprovdi liema huma l-ispejjez li jitqieghdu fl-istess grad tal-kreditu, il-qorti m'hijiex tal-fehma li tista' tasal ghal konkluzjoni li b'applikazzjoni*

*tal-artikolu 2004(2) l-ispejjez kollha li kreditur jaghmel biex jigbor il-kreditu ghandhom jigi kkunsidrati fl-istess grad bhal kreditu*".

In bazi tal-ligi l-mandati ta' sekwestri li nhargu fuq talba tal-kredituri konkorrenti saru fl-interess tal-kredituri konkorrenti kollha u proprju ghalhekk li qed isir il-konkors ghaliex gew depozitati flejjes insegwitu ghal tali mandati, filwaqt illi l-ispejjez relatati mal-procedura li saret mill-kredituri konkorrenti ghall-kanonizazzjoni tal-kreditu taghhom m'ghandhomx jitqiesu bhala krediti assigurati bi privilegg generali, izda ghandhom jikkonkorru fl-istess grad tal-kreditu rispettiv ta' kull kreditur konkorrent.

Il-kreditu tal-Kummissarju m'ghandux preferenza fuq dejn imsemmi fl-artikolu 2009(a) u (b) tal-Kapitolu 16, liema subartikoli jispecifikaw dawk il-krediti privileggati specjali fuq hwejjeg mobbli li jippregradwaw fuq il-jedd ta' preferenza stabbilit fl-artikolu 62 tal-Kapitolu 406 u cioe (a) il-kreditu ta' min jiehu rahan, fuq il-haga li jkollu f'idejh b'titolu ta' rahan, u l-kreditu tal-lukandier ghal hlas ta' allogjament u hwejjeg ohra. Mill-provi ma jirrizultax li xi kreditur konkorrent igawdi minn xi privilegg li jippregradwa qabel il-jedd ta' preferenza stabbilit fl-artikolu 62 tal-Kapitolu 406.

Stabbilit is-suespost, jigi rilevat illi l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 406 jaghmilha cara li t-taxxa msemmija ghandha tithallas bi preferenza. Ladarba ghandu jedd ta' preferenza tal-kreditu li jippregradwa, il-Kummissjarju jithallas bi preferenza hlief kif jiddisponi l-istess artikolu 62. Il-kliem "minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra" jindika li t-taxxa dovuta ghandha tithallas bi preferenza u qabel kull dejn iehor bhal dak tal-kredituri konkorrenti l-ohra.

Irid jizdied jinghad li d-dritt ta' preferenza tal-Kummissarju huwa fuq it-taxxa dovuta u mhux fuq il-hlasijiet ohra li jistghu jkunu dovuti. Dana qieghed jinghad in linea mal-hsieb fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fl-ismijiet Konkors ta' Kredituri ta' Carmelo Gauci Limited (Appell Civili Nru 53/2006) nhar is-27 ta' Frar 2009 fejn dik il-Qorti ippregradwat it-taxxa pura dovuta biss taht il-jedd ta' preferenza moghti fl-artikolu 62 tal-Kapitolu 406. Il-Kummissarju tat-Taxxa in rigward taxxa fuq il-valur mizjud ghandu privilegg fuq it-taxxa pura. Dan ifisser li l-penali amministrattivi m'humiex inkluzi minhabba li l-Artikolu 2 tal-Kap. 406 jeskludihom espressament

mid-definizzjoni ta' "taxxa". Hekk gie stabbilit fir-rigward fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Settembru 2013 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Crown Hotels Limited (Rikors Nru 565/2010/AE). Din il-konkluzjoni giet konfermata fl-appell mill-istess sentenza fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi l-unika pretensjoni mhux preferuta hija ghar-rigward il-penali li "*ghaliha, allura jiggradwa pari passu mal-kredituri ordinarji*."

Issa, ghar-rigward tal-imghax, skont l-Artikolu 2095 tal-Kodici Civili, "*Fl-istess grad li fih ikun imqieghed kreditu, jitqieghdu l-imghaxijiet ta' dak il-kreditu*…". Fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 29 ta' Marzu 2007 ( Imhallef JR Micallef, Rik. Nru 617/2006) gie mghallem li l-imghaxijiet mitluba jisthoqqilhom li jitqiesu privileggjati "*mhux ghaliex ipprivileggjat, imma ghaliex huwa l-effett sekondarju ta' obbligazzjoni, l-izjed jekk l-obbligazzjoni tkun wahda ta' natura kummercjali jew inkella tikkonsisti fi hlas ta' somma flus….u ghalhekk l-imghaxijiet pretizi minnhom jintrabtu mad-dejn principali li ghalih jirreferi*".

Ghalhekk il-pretensjoni ta' kull konkorrent ghall-imghaxijiet dekorsi fuq il-kreditu taghhom ghandha titqies li tiggradwa fl-istess grad tal-kreditu tal-konkorrent partikolari.

**Gradwazzjoni tal-krediti partikolari**

In bazi tas-suespost il-Qorti tqis li l-gradwazzjoni tad-depozitu li sar bis-sahha tac-cedoli mertu ta' dawn il-proceduri ghandu jsir kif gej:

**Fl-ewwel grad**, (a) l-ispejjez dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi u tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali numru 2 ghall-hrug tal-mandati ta' sekwestri u ghall-ftuh tal-konkors odjern, liema spejjez ghandhom jiggradwaw qabel kull kreditu iehor. Dana ghaliex il-perit legali qieset li tali spejjez isiru fl-interess tal-kredituri kollha u ghalhekk huwa gust li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jippregradwaw;

**Fit-tieni grad**, it-taxxa u l-imghaxijiet dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi in rigward it-taxxa fuq il-Valur Mizjud b'eskluzjoni tal-penali. Il-Qorti mhijiex f'posizzjoni tiddetermina jekk fl-ammont pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi hemmx inkluz penali u

ghalhekk il-Qorti tista' biss telenka l-ordni tal-priorita minghajr ma tista tispecifika l-ammont. Oltre dawn fl-istess grad jiggradwaw l-ispejjez li ghamel il-Kummissarju ghal kanonizazzjoni tal-kreditu tieghu;

**Fit-tielet grad,** Joseph Caruana & Co Ltd in bazi tal-ipoteka generali gudizzjali numru 10906/2022 ghas-sorte u l-imghaxijiet. Fl-istess grad jiggradwaw l-ispejjez li ghamlet Joseph Caruana & Co Limited ghal-kanonizazzjoni tal-kreditu taghha u ghall-iskrizzjoni.

Mhux ser issir indagini dwar gradwazzjoni ulterjuri in vista tal-fatt li ma huwiex ser ikun hemm fondi sufficjenti sabiex jigu sodisfatti krediti ohrajn, lanqas in parte.

Fl-ahhar nett, il-perit legali osservat illi mill-atti jidher li l-Kummissarju tat-Taxxi kien diga ressaq talbiet ghall-izbank tal-fondi depozitati permezz tac-cedoli mertu tal-konkors odjern kif hawn spjegat:

Dwar Cedola ta' Depozitu 1310/2009 tal-HSBC Bank Malta plc fl-ammont ta' €1,004 (a fol 59 tal-process) kienet saret talba mill-Kummissarju tat-Taxxi ghall-izbank tal-istess a fol 67 tal-process, liema talba ma jirrizultax li giet definittivament dekretata;
Dwar Cedola ta' Depozitu 272/2012 tad-Direttur Generali Taqsima Xoghlijiet fl-ammont ta' €1,149.82 (a fol 71 tal-process) kienet saret talba mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-izbank tal-istess a fol 78 tal-process, liema talba tirrizulta li giet definittivament dekretata favur il-Kummissarju tat-Taxxi skont id-digriet moghti fl-4 ta' April 2012 (a fol 81 tal-process);
Dwar Cedola ta' Depozitu 273/12 tad-Direttur Generali Taqsima Xoghlijiet fl-ammont ta' €45,524.66 (a fol 83 tal-process) kienet saret talba mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-izbank tal-istess a fol 88 tal-process, liema talba tirrizulta li giet definittivament dekretata favur il-Kummissarju tat-Taxxi skont id-digriet moghti fl-4 t'April 2012 (a fol 93 tal-process);
Dwar Cedola ta' Depozitu 545/12 tad-Direttur Generali Taqsima Xoghlijiet fl-ammont ta' €6,229.30 (a fol 96 tal-process) kienet saret talba mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-izbank tal-istess a fol 101 tal-process, liema talba tirrizulta li

giet definittivament dekretata favur id-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fis-16 ta' Jannar 2013;

Dwar Cedola ta' Depozitu 1287/12 tad-Direttur Generali Taqsima Xoghlijiet fl-ammont ta' €R13,256 (a fol 123 tal-process) kienet saret talba mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-izbank tal-istess a fol 129 tal-process liema talba kienet giet milqguha definittvament permezz ta' digriet moghti fis-27 ta' Settembru 2012 (a fol 131 tal-process) previa notifika tac-cedola lill-intimat.

**Decide**

Ghalhekk, il-Qorti tqis li minn ezami ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi li huma rilevanti ghal krediti varji, jirrizulta li l-krediti fiskali tal-Kummissarju tat-Taxxi jippregradwaw fuq il-krediti l-ohra imsemmija u ghandhom jigu imhallsa l-ewwel, almenu sal-ammont li jirrizulta bhala sorte fl-ittra ufficjali 1322/15 datata 20 ta' Mejju 2015.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur